# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 19/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Gilbert Borg**
**Lirk Borg**
**Rita Borg**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Gilbert Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 289174(M), **Lirk Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 315300(L), u **Rita Borg,** detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 566980(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn it-8 ta' Ġunju 2016 fil-ħinijiet ta' bejn 19.00hrs u 19.30hrs quddiem Carmens Bar, ġewwa il-Bajja ta' Lapsi, Siġġiewi:

1. ħebbew għal Norman Keith Ghigo u Giovanna Ghigo sabiex iddejjquhom jew jagħmlulhom ħsara b'xi mod;

2. ħebbew għal Carmelo Ghigo u kkagunawlu offiża ta' natura ħafifa skont ma ċċertifika Dr. Dylan Debono (Reg. 5123) ta' Mater Dei; u

3. volontarjament kisru l-bon ordni u l-paċi pubbliku b'għajjat u ġlied.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, tapplika Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 214, 216, 221, 338(dd), 339(1)(d), 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħhom u filwaqt li fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni kkundannathom ammenda komplessiva ta' ħamsin Euro (€50) kull wieħed, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni lliberathom bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mid-data tas-sentenza u dana *ai termini* ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti għaddiet biex fissret lill-imputati l-import u l-obbligi tagħhom naxxenti mis-sentenza fi kliem ċar u għaddiet ukoll biex tikkonferma jekk fehmux l-ispjega tal-Qorti dwarhom. Wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi għas-sigurta' pubblika, qiegħdet lill-ħatja taħt obbligazzjoni tagħhom personali għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elf Euro (€1,000). Wara li rat Artikolu 31 tal-Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li s-sentenza tiġi mibgħuta lil Kumitat għall-Medjazzjoni bejn il-Vittmi u Min Wettaq ir-Reat sabiex jiddeterminaw l-adattabilita' u l-eleġibilita' biex il-każ jgħaddi għall-medjazzjoni bejn il-vittma u min wettaq ir-reat. In vista tal-fatt li ġew maħtura esperti f'dan il-każ, u li l-kawża nstemgħet kontestwalment flimkien mal-kawżi **Il-Pulizija vs. Carmelo Ghigo** u **Il-Pulizija vs. Giovanna Ghigo et**, *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat

lill-imputati sabiex flimkien bejniethom iħallsu l-ammont ta' mitejn u erbatax-il Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€214.33) rappreżentanti terz ta' l-ispejjeż fl-ammont globali ta' sitt mija, tlieta u erbgħin Euro u ċenteżmu (€643.01): mitejn u tmienja u ħamsin Euro u tmenin ċenteżmu (€258.80) li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-espert Dr. Mario Scerri u tliet mija u erbgħa u tmenin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€384.21) li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco. Il-Qorti ordnat li s-sentenza tiġi kkomunikata lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Maltin.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-28 ta' Jannar 2021 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar 2021 per Maġistrat Dr. N. Lia LL.D. fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tlett imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluż dawk tal-kawżi li quddiem l-Ewwel Qorti kienu qed jinstemgħu magħha ċioè **Il-Pulizija vs. Carmelo Ghigo** u **Il-Pulizija vs. Giovanna Ghigo et**.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza li ngħatat mill-Ewwel Qorti fit-18 ta' Jannar 2021. Fir-Rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u sabiex tilliberahom minn kull ħtija u piena.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħhom l-appellanti jressqu aggravju wieħed biss, liema aggravju huwa marbut mad-data tal-akkadut. F'dan l-aggravju, l-appellanti jisħqu li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom jirreferu għat-8 ta' Ġunju 2016 waqt li l-kwistjoni seħħet fit-3 ta' Ġunju 2016. Jargumentaw li minħabba f'hekk ma tressqet l-ebda prova li fit-8 ta' Ġunju 2016 seħħ l-akkadut in kwistjoni.

Illi qabel ma tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju mressaq mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħhom, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax il-mod mhux daqstant feliċi li nżammu l-atti proċesswali ta' dan il-każ quddiem l-Ewwel Qorti u dana peress li dan il-każ kien qed jinstema' quddiemha flimkien ma' kawżi oħra. Il-fatt li kawżi jkun mexjin flimkien mhijiex xi ħaġa eċċezzjonali pero' ikun aħjar li apparti li jkun hemm verbal li jgħid li kawża tkun miexja ma' oħra, li d-dokumenti u/jew traskrizzjoni ta' xhieda li jkun xehdu f'kawża jiġu nseriti fl-atti proċesswali tal-kawżi kollha u mhux ta' waħda biss minnhom. Ikun ta' benefiċċju għal kulħadd li l-atti proċesswali jkollhom kollox kompilat fihom.

Illi bħal ngħad aktar 'il fuq, fir-rigward ta' dan l-appell, din il-Qorti ma ratx l-atti proċesswali tiegħu biss iżda rat ukoll l-atti proċesswali tal-kawżi li kienu konnessi miegħu quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi, fost l-oħrajn, din il-Qorti tinnota li mill-affidavit ta' PS 274 James Turner (*a fol.* 3 *et seq.*) jirriżulta li fit-3 ta' Ġunju 2016 kien hemm tilwima fuq l-iskal qabel il-bajja ta' Lapsi. Jidher li Norman Ghigo kien fl-inħawi tal-akkadut ma' ommu u missieru. Jidher ukoll li kien hemm verżjonijiet differenti dwar x'ġara. L-appellanti huma sidien ta' *restaurant* li jġib l-isem Carmen Bar ġewwa l-bajja ta' Lapsi. Jidher ukoll li Ghigo huma sidien ta' d

għajsa li kienet fuq l-iskal. Jingħad li taħt id-dgħajsa kien hemm xi ħadid ta' xi umbrelel li jappartjenu lill-appellanti. Meta Ghigo bdew iċaqalqu dawn l-umbrelel qamet kwsitjoni li fi ftit ħin iddeġenerat fi ġlieda.

Illi ċ-ċitazzjoni (*a fol.* 1) mertu ta' dan l-appell tpoġġi l-fatti *"bejn 08.06.2016 fil-ħinijiet ta' bejn 19.00hrs u 19.30hrs"*. Minkejja li hemm il-kelma "bejn" ma tissemmiex data oħra. Minbarra hekk il-post fejn tpoġġiet il-kelma "bejn" tindika li d-data tat-8 ta' Ġunju 2016 bħala d-data ta' meta suppost seħħ l-akkadut.

Illi mill-atti proċesswali (kemm ta' dan il-każ u tal-oħrajn) b'mod partikolari l-affidavit ta' PS 274 James Turner (*a fol.* 3 *et seq.*) jidher li l-akkadut seħħ fit-3 ta' Ġunju 2016. Dan huwa korroborat miċ-ċertifikati mediċi li ġew ippreżentati fl-atti proċesswali (*a fol.* 9 u 10). Apparti minn dan, fis-sentenza appellata d-data tat-8 ta' Ġunju 2016 tidher biss fil-parti fejn hemm imniżżla l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellanti allura imputati. Fil-bqija tas-sentenza appellata ssir riferenza għat-3 ta' Ġunju 2016. B'hekk fattwalment jidher li l-appellanti għandhom raġun fl-ilment tagħhom.

Illi dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christian Borg et** (Numru 263/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "40. Minħabba din il-konċezzjoni ta' kif il-liġi tqis dawn ir-rekwiżiti, fejn in-nuqqas ta' dawn ir-rekwiżiti jew impreċiżjoni fihom **ma tippreġudikax l-essenza tal-meritu tal-każ kontra l-imputat**, il-liġi stess tippermetti li l-Prosekuzzjoni tkun tista' titlob li ssir korrezzjoni fil-komparixxi kif ukoll li l-kawża tibqa' għaddejja bis-smiegħ tagħha. Dettalji jew partikolaritajiet impreċiżi ma jwaslux awtomatikament għal-liberazzjoni tal-imputat. L-ispirtu tal-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ġie ampjament mistqarr mill-Qorti tal-Appell

Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina** deċiża nhar is-26 ta' Mejju 2004:

> "Fis-sentenza mogħtija minn din fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal: *"L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.** (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-ċitazzjoni ma hi xejn ħlief avviż jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art. 360(1)). Din iċ-ċitazzjoni ma hix il-bażi tal-akkuża, bħalma hu l-każ tal-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuża jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni (għax hemm funzjonijiet oħra, bħal, per eżempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jiġi akkużat sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun ġiet eżawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ġunju, 1989 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Zarb Adami**)."*

41. L-istess ma jistax jingħad pero' meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha partikolaritajiet ta' żmien u lok li jibqgħu mhux korretti u li jkunu **jikkuntrastaw** ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża. Dan b'mod partikolari f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-Prosekuzzjoni ma tkunx talbet korrezzjoni taċ-ċitazzjoni b'mod li tirrifletti l-fattispecie tal-każ. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Kyle Stone** deċiż nhar l-20 ta' Settembru 2013 ġie ritenut is-segwenti:

> "Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs. John Mary Briffa**', fejn I-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati Ii allegatament seħħew "għall-ħabta tas-7.30p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "għall-ħabta tas-7.30a.m.", intqal li: *"L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament ġrat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirriżultax li ġara xi inċident fil-ħin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. Il-frażi "għall-ħabta ta'" tindika ħin approssimattiv u tinkludi ħin viċin dak imsemmi fl-imputazzjoni iżda żgur mhux tnax-il siegħa wara."*
>
> Illi dan l-istess prinċipju ġie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawżi oħra inkluż dawk fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Warren Piscopo**' u '**Il-Pulizija vs 'Rita Theuma'**, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011.

42. Għaldaqstant, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss *avviso di comparire* u l-liġi tikkonċedi impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu sanati b'sempliċi korrezzjoni magħmula fil-mori tal-kawża, dan ma jfissirx li l-partikolaritajiet taż-żmien u lok imsemmija fiċ-ċitazzjoni u li fihom

> allegatament ikun ġie kommess ir-reat ma huwiex importanti li jkunu korretti mill-bidu nett tal-kawża. Li kieku kien hekk, allura, l-imputat jitlef parti sew miċ-ċertezza legali li għandu dritt għaliha fi proċess penali. Għalkemm il-ġurisprudenza tammetti ċerti varjazzjonijiet, jew *variances*, mill-banda l-oħra dar-rekwiżit legali jeskludi ambigwitajiet fiċ-ċitazzjoni u li ma jiġux korretti. Huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li l-partikolaritajiet ta' żmien u lok ikunu korretti u jkunu jaqblu mal-provi prodotti."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clint Borg Ferriggi** (Numru 158/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, imfassla dawn il-prinċipji dottrinali u ġurisprudenzjali, huwa evidenti illi f'dan il-każ iċ-ċitazzjoni tippekka serjament meta ma tindikax iż-żmien temporali li fih allegatament kien kommess ir-reat mill-appellant lil dwaru huwa ġie mixli. Illi għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda u provi oħra li taw xenarju ta' fatti li jistgħu jagħtu lok għal reita', madanakollu la l-Ewwel Qorti u lanqas din il-Qorti ma tista' tasal biex issib ħtija fl-appellant għal dawn il-fatti li ma jistgħu qatt jinkwadraw rwieħhom fix-xilja addebitata lilu fiċ-ċitazzjoni. Dan għaliex, kif ġustament isostni l-appellant f'dan l-ewwel aggravju minnu ntentat, il-Qorti ma tistax torbot dawk il-fatti li jemerġu mill-provi mal-imputazzjoni kif ifformulata. In oltre, minkejja dan l-iżball evidenti fiċ-ċitazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma talbet l-ebda korrezzjoni fir-rigward fil-kors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, b'dik il-Qorti fis-sentenza appellata lanqas tindirizza dan il-preġudizzjali li kien sollevat mid-difiża quddiemha fit-trattazzjoni finali tal-każ. Dina l-Qorti għalhekk tqis illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija fl-appellant fir-rigward ta' l-unika imputazzjoni dedotta kontrih billi ma

> hux indikat fil-mod kif ġie mixli ż-żmien temporali meta allegatament seħħ ir-reat, bil-Qorti ma tistax torbot il-fatti li jemerġu mill-provi max-xilja kif ifformulata. Għaldaqstant l-appellant għandu jkun illiberat mill-imputazzjoni lilu addebitata."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn ikkwotat u tagħmlu tagħha. Peress li mill-atti proċesswali ta' dan il-każ ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni talbet xi korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, b'hekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti Gilbert Borg, Lirk Borg u Rita Borg, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom u b'hekk tilliberahom minn kull ħtija u piena.

Finalment, il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex iġib a konjizzjoni tad-Deputati Reġistraturi kollha tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bl-importanza ta' dak imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza f'każ li jkun hemm kawżi qed jinstemgħu flimkien.

______________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**